**A.L. 119 ta' l-1989**

## ATT DWAR IL-PROVVISTI U S-SERVIZZI (KAP. 117)

### Regolamenti ta' l-1989 dwar il-Bejgħ ta' Laħam u Prodotti tal-Laħam

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att dwar il-Provvisti u s-Servizzi, il-Ministru għall-Iżvilupp Terzjarju għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

**1.** Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1989 dwar il-Bejgħ ta' Laħam u Prodotti tal-Laħam.

Tifsir.

**2.** F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra —

"bejjiegħ tal-laħam" tfisser persuna li l-attività prinċipali tan-negozju tagħha tikkonsisti fil-bejgħ ta' laħam frisk, imkessaħ jew iffriżat bl-imnut minn ħanut;

"*grocer*" tfisser persuna li l-attività prinċipali tan-negozju tagħha tikkonsisti fil-bejgħ ta' oġġetti tal-merċa bl-imnut u tinkludi persuna li tmexxi ħanut *self-service,* iżda ma tinkludix bejjiegħ tal-laħam;

"ikel preskritt" tfisser —

(a) laħam nej frisk, imkessaħ jew iffriżat; jew

(b) zalzett u laħam taz-zalzett sew jekk tat-tip Ingliż sew jekk xort'oħra; jew

(ċ) *bacon*; jew

(d) *green gammon*; jew

(e) laħam nej preparat u prodotti preparati ta' laħam nej, ippakkjati minn qabel; jew

(f) pullam, fniek u kaċċa (li ma jkunux pullam, fniek u kaċċa ħajjin),

iżda ma tinkludix perżut sew jekk bil-għadma sew jekk xort'oħra, mortadella, salami, *luncheon meat* jew laħmijiet preparati oħra li huma maħsubin biex jiġu kkunsmati mingħajr aktar tisjir.

"laħam" tfisser il-laħam ta' bovini, majjali, ovini jew kaprini;

Att Nru. XL ta' l-1972.

"negozju" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha taħt l-Att ta' l-1972 dwar Ħwejjeġ ta' l-Ikel, Mediċinali u Ilma tax-Xorb.

Bejgħ ta' ikel preskritt.

**3.** (1) Ebda bejjiegħ tal-laħam ma jista' jbiegħ xi ikel li ma jkunx ikel preskritt.

(2) Ebda persuna li ma tkunx bejjiegħ tal-laħam ma tista' tbiegħ xi ikel preskritt bl-imnut:

Iżda *grocer* jista' jbiegħ —

(a) laħam fil-laned mhux miftuħ;

(b) *bacon,* perżut, *luncheon meat, corned beef,* mortadella u salami, f'kull każ sew bħala ikel mikxuf sew bħala ikel mgħotti; u

(ċ) zalzett tat-tip Ingliż u *beef burgers* jew *hamburgers* ippakkjati minn qabel f'pakketti mhux miftuħin.

(3) Ikun id-dmir ta' kull *grocer* li jassigura illi l-oġġetti msemmijin taħt is-subparagrafu (ċ) tal-proviso li jinsab mall-paragrafu (2) ta' dan ir-regolament jiġu maħżuna separatament mill-oġġetti l-oħra li jinbiegħu fuq il-post.

Bejgħ minn ħanut tal-merċa *self-service.*

**4.** Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, kull *grocer* li jmexxi ħanut *self-service* jista' jbiegħ pullam u fniek li —

(a) jkunu ġew preparati u ppakkjati minn qabel f'fabbriki li għandhom il-liċenza meħtieġa; u

(b) jinbiegħu f'pakketti mhux miftuħin; u

(ċ) jinħażnu separatament minn oġġetti oħra li ma humiex dawk imsemmijin fis-subparagrafu (ċ) tal-proviso li jinsab mall-paragrafu (2) tar-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti.

Pieni.

**5.** Kull persuna ħatja ta' reat kontra xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti, teħel —

(a) meta tinsab ħatja għall-ewwel darba, multa ta' mhux inqas minn għaxar liri Maltin iżda mhux iżjed minn ħamsin lira Maltija;

(b) meta tinsab ħatja għat-tieni darba wara tnax-il xahar mill-ewwel darba li tkun instabet ħatja, multa ta' mhux inqas minn ħamsin lira Maltija iżda mhux iżjed minn mitt lira Maltija;

(ċ) meta tinsab ħatja għat-tieni darba fi żmien tnax-il xahar mill-ewwel darba li tkun instabet ħatja jew meta tinsab ħatja għat-tielet darba jew għal kull darba oħra wara t-tielet, multa ta' mhux inqas minn mitt lira Maltija iżda mhux iżjed minn mitejn lira Maltija u s-sospensjoni tal-liċenza tagħha għal perijodu ta' mhux inqas minn xahar iżda mhux iżjed minn sitt xhur.